**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum il-Hamis, 18 ta' Marzu, 2021**

Numru 3

**Rikors Guramentat Nru. 395/2018**

**Justin Attard, Julian Camilleri, Joseph Winston D'Amato, Alexander D'Amato, Stephanie Demanuele, John Farrugia, Ruth Micallef, Kevin Mizzi, Sharon Mizzi, Dylan Howes, Vincent Pirotta, Simon Vella, Luke Farrugia, Brian Buttigieg, Nicky Vella, Colin Bonnici, Keith Tirchett, Eugenia Briffa, Sharon Conte, Clinton Spiteri, Doreen Delorenzo, Silvan Busuttil, Matthew Farrugia, Mark Anthony Xerri, Neal Gatt, Mario Micallef, Ian Farrugia, Dermen Galea, Steve Casha, Charlene Attard, Christian Galea, Joseph Farrugia, Dorian Tanti, Sandro Farrugia, Joan Busuttil, Malcolm Micallef, Daniel Saliba, Daniel Borg, Hershall Gerada, Ramona Tabone Glanville, Laura Rotin, Patrick Ellul, Daniel Agius, Malcolm Grasso, Josef Farrugia, Steven Chetcuti, Glenn Buhagiar, Tania Buhagiar, Renald Dalli, Bertrand Galea, Ramon Buhagiar**

**vs**

**De La Rue Currency and Security Print Limited u**
**General Workers Union**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tas-26 ta' April, 2018 li jghid hekk:

(1) Illi r-rikorrenti kienu fl-impjieg mas-socjeta intimata De La Rue Currency & Security Print Limited.

(2) Illi fis-sena 2017, u precizament fit-2 ta' Awwissu 2017, l-intimati De La Rue Currency & Security Print Limited u l-General Workers Union iffirmaw ftehim kollettiv gdid.

(3) Illi klawsola 9 tal-Ftehim Kollettiv, intestata "Annual Increments and Arrears", tghid testwalment is-segwenti:
the basic weekly rats of pay per standard working week are as shown in Appendices Ill which forms part of and is attached to this Agreement, and each employee shall receive the rate of pay corresponding to his/her category as designated by the Company. Apart from the Cost of Living Adjustment (COLA) announced by government, the following increments apply:
a. 1st April 2017 - 4% of wages as at 31st March 2017
b. 1st April 2018 - 4% of wages as at 31st March 2017
c. 1st April 2019 - 3% of wages as at 31st March 2017
The annual increments being agreed to in this Agreement are being agreed to in view of the exceptional circumstances at the time of the negotiation of this Agreement and such increments are not a precedent for any future annual increments.
Furthermore the annual increment is being paid subject to the following condition: If an employee's employment is terminated for whatever reason (except redundancy, retirement and medical grounds) before 12 months from the date of each annual increment, such employee is bound to pay back the increment of the year in which his employment is terminated as pre liquidated damages as follows:
If employee hands in their resignation between the
1st and 4th month - 4 months
5th and 8th month - 8 months
9th and 12 month - 12 months

(4) Illi l-increment moghti huwa formati parti essenzjali u intrinsiku mill-paga bazika ppercepita jew li kellha tigi ppercepita mill-impjegati b'effett mill-1 ta' April 2017, kif debitament maqbul bejn il-partijiet fuq il-Ftehim Kollettiv.

(5) Illi hemm min mir-rikorrenti illi taw ir-rizenja taghhom wara l-iffirmar tal-Ftehim Kollettiv, u s-socjeta intimata, mhux talli ma hallsitx l-increment (hemm proceduri separati 201/2018MCH) talli qed tinvoka l-penali mposti bhala deterrent sabiex il-haddiema ma jirrezenjawx, konsistenti f'danni pre-likwidati, ai termini tal-parti relattiva tal-provvediment klawsola 9 tal-Ftehim Kollettiv, liema danni huma ir-rifuzjoni lura tal-increment mhallas jew talvolta dovut u aktar minn hekk.

(6) Illi din l-parti tal-klawsola 9 tal-Ftehim Kollettiv riferibbli ghal penali pre-likwidati hawn fuq citat u li biha l-partijiet intimati fuq il-Ftehim Kollettiv ftehmu fuq ir-rifuzjoni lura tal-paga li tal-volta tkun thallset mill-principal lill-impjegat bhala deterrent sabiex l-impjegati tal-kumpannija ma jirrezenjawx, tmur kontra l-provvedimenti u l-ispirtu tal-KAP. 452 in kwantu jirregola l-Protezzjoni tal-Pagi, li jippermetti, taht certi cirkostanzi, tnaqqis millpaga imma mhux ir-rifuzjoni ta' paga u aktar, legittimament mhallsa jew dovuta ghal xoghol maghmul mill-impjegat, kollox kif ser jigi ppruvat ahjar fil-kors tal-kawza.

(8) Illi anke ghal quantum tal-penali pre-likwidati kontemplati f'din l-istess parti tal-klawsola 9, dawn id-danni huma sproporzjonati u mhux accettabbli bin-normi stabbiliti u l-logika guridika, u jmorru kontra l-ordni pubbliku in kwantu illi jimponu fuq il-haddiem obbligu li jrodd lura l-paga illi jkun ipperceipixxa, (addirittura aktar minn hekk) in linea ta' danni - haga illi l-ligi ma tippermettix, aktar u aktar meta l-hsieb u l-mottiv wara dan kien dak espress fil-proceduri 201/2018MCH hawn fuq riferiti, ossia,

illi peress illi l-kumpannija intimata kellha haddiema li jitilqu minghajr ma jahdmu l-perjodu ta' avviz, allura flok invokat dak li l-ligi ta' ordni pubbliku taghna, il-ligi tax-xoghol, timponi bl-Artikolu 36(10) taghha, il-partijiet ftehmu fuq it-tehid lura ta' paga leggittimament mhallsa jew dovuta ghal xoghol maghmul.

(9) Illi hemm min mir-rikorrenti illi kienu gia taw ir-rizenja taghhom lis-socjeta intimata qabel l-iffirmar tal-Ftehim Kollettiv, u dawn ma thallewx jippartecipaw u jivvutaw fuq il-Ftehim Kollettiv de quo meta l-GWU laqqghet lill-haddiema tas-socjeta intimata ghad-diskussjoni u ghall-vot u l-approvazzjoni tal-istess ftehim kollettiv, anke jekk kienu ghadhom membri mhallsa taghha, u dan bi ksur tal-principji tal-obbligi fiducjarji bejn il-Union intimata u l-esponenti li jgib mieghu il-ksur tal-principju tal-buona fede li ghandu jiddetta fuq kull kuntratt u li l-GWU kellha tidhol bih ghall-iffirmar tal-Ftehim Kollettiv de quo.

(10) Illi dawn l-istess rikorrenti illi kienu gja taw ir-rizenja taghhom qabel l-iffirmar tal-ftehim kollettiv b'hekk gew kolpiti b'penali intiza sabiex ikunu evitati rizenji meta huma diga kienu taw ir-rizenja taghhom, penali illi giet fis-sehh wara illi kienu hadu d-decizjoni tar-rizenja u debitament kkomunikawha lis-socjeta intimata, sitwazzjoni certament inekwa fil-konfront taghhom in kwantu illi huma kolpiti b'penali illi dahhlet fis-sehh wara illi huma gja kienu nnotifikaw lis-socjeta intimata bir-rizenja taghhom - sitwazzjoni illi hija ingiusta u inekwa fil-konfront taghhom.

(9) Illi interpellata sabiex thallas u tirregola ruha, is-socjeta intimata naqset milli taghmel dan, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kull dikjarazzioni necessarja:

(a) tiddikjara l-parti tal-klawsola 9 tal-Ftehim Kollettiv bejn il-General Workers Union u s-socjeta De La Rue Currency and Security Print Limited, u senjatament dik il-parti relattiva ghad-danni pre-likwidati, ossia l-ahhar zewg paragrafi taghha huma nulli u bla effett, minghajr pregudizzju ghall-bqija tal-prowedimenti tal-istess Ftehim Kollettiv ai termini tal-Artikolu 42 tal-KAP. 452 tal-Ligijiet ta' Malta, u

(b) tiddikjara, biss fl-eventwalita illi l-ewwel talba tigi michuda, illi dik il-parti tal-klawsola 9 tal-Ftehim Kollettiv bejn il-General Workers Union u s-socjeta De La Rue Currency and Security Print Limited, u senjatament dik il-parti relattiva ghad-danni pre-likwidati, ossia l-ahhar zewg paragrafi taghha huma inapplikabbli fil-konfront tal-haddiema tas-socjeta intimata illi gja kienu taw ir-rizenja taghhom mill-impjieg fid-data tal-iffirmar tal-Ftehim Kollettiv tat-2 ta' Awwissu 2017, u

(c) tiddikjara, ukoll, imma biss fl-eventwalita illi l-ewwel talba tigi michuda, illi dik il-parti tal-klawsola 9 tal-Ftehim Kollettiv bejn il-General Workers Union u s-socjeta De La Rue Currency and Security Print Limited, u senjatament dik il-parti relattiva ghad-danni prelikwidati, ossia l-ahhar zewg paragrafi taghha huma inapplikabbli fil-konfront tal-haddiema tas-socjeta intimata kolpiti biha in kwantu illi d-danni pre-likwidati msemmija huma eccessivi u inekwi.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati, u bir-rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti.

Rat ir-risposta guramentata tal-General Workers Union li tghid hekk:

1. Preliminarjament, illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija nulla peress li fiha kawzali u talbiet alternattivi, u tali nuqqas ma jistax jissewwa xorta ohra hlief billi l-att jigi annullat;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi t-talbiet tal-atturi huma irritwali u intempestivi in kwantu li, bhala msiehba tal-unjin esponenti huma kellhom semmai isegwu l-proceduri ta' lment a tenur tal-artikolu 74 tal-Kostituzzjoni u Regolamenti tal-General Workers Union, in kwantu tali regolamenti jorbtu lir-rikorrenti dwar l-ezercizzju tal-jeddijiet u obbligi li huma ghandhom bhala msiehba, u kif ghandhom b'mod mandatorju jagixxu kemm il-darba ma jaqblux mal-mod kif xi kwistjoni tkun giet determinate;

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, in kwantu ghall-ewwel (1) talba immarkata "a” l-esponenti teccepixxi li hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li rrikorrenti naqsu li jindikaw ma liema kundizzjoni allegatament aktar favorevoli li tinsab fil-ligi huma qeghdin jikkomparaw klawsola 9 tal-Ftehim Kollettiv, u, abbazi ta’ liema konsiderazzjonijiet huma jqisu li l-ligi hija aktar favorevoli;

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, in kwantu ghat-tieni (2) talba immarkata "b" l-esponenti teccepixxi li hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-Ftehim Kollettiv kien jorbot lill-haddiema kollha indikati, kemm ghall-attiv u kif ukoll ghall-passiv, jew passiv potenzjali. Isegwi li rrikorrenti ma jistghu jaghzlu li jgawdu mill-beneficcji tal-Ftehim u jinhallu mill-obbligi biss;

5. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tielet (3) talba tar-rikorrenti immarkata bl-ittra "C" hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li z-zieda maqbula kienet soggetta ghall-kondizzjoni specifika marbuta maghha, hekk kif tinsab fil-verzjoni integrali ta' Klawsola 9, u li l-partijiet qablu fuq dan liberament meqjusa c-cirkostanzi specifici li kienu jinsabu fiha l-kumpanija u l-haddiema, hekk kif ser jirrizulta waqt is-smigh tal-kawza. Meqjusa tali cirkostanzi, il-kondizzjonijiet tal-Ftehim Kollettiv kienu ragonevoli u certament mhux inekwi;

6. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-Ftehim Kollettiv gie konkluz mill-esponenti ghan-nom tal-haddiema affettwati minnu bis-sahha tal-mandat li hija tgawdi f'isem il-membri taghha skont il-ligi u konswetudni industrijali;

7. Illi, ghalhekk, abbazi tal-principju pacta sunt servanda, il-Ftehim Kollettiv milhuq liberament bejn il-principal u l-unjin rikonoxxuta ghall-fini ta' negozjar kollettiv ma jistax ikun hekk kontestat minn numru relattivament zghir ta' membri li ma qablux ma xi aspetti tieghu.

8. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta De La Rue Currency and Security Print Limited li tghid hekk:

1. Id-difiza
1.1. Preliminarjament l-azzjoni hija intempestiva u dan stante illi qabel ma gew inizjati awn il-proceduri l-atturi naqsu milli jottemperaw ruhhom mal-proceduri kkontemplati taht l-artikolu 32 tal-ftehim kollettiv (estratt mill-ftehim kollettiv anness u mmarkat Dok. 'DLR1');

1.2. Preliminarjament ukoll, illi t-talbiet kif inhuma mpustati fl-alternattiv fir-rikors promotur jikkostitwixxu difett li ma jistax jigi sanat xorta ohra hlief billi l-att jigi annullat;

1.3. Fil-mertu, filwaqt li r-rikorrenti jallegaw li l-klawsola 9 tal-ftehim kollettiv (senjatament l-ahhar parti taghha) ghandha titqies nulla ai termini tal-artikolu 42 tal-Kap. 452, din hija sempliti allegazzjoni minghajr ebda spjegazzjoni dwar kif l-klawsola 9 tal-ftehim kollettiv tista titqies illi tipprovdi ghal xi kondizzjoni ta' impieg li hija anqas favorevoli ghall-impjegat minn dawk spetifikati fil-Kap. 452. Ghaldaqstant l-ewwel talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda;

1.4. Fil-mertu wkoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma hemm ebda ligi jew strument iehor li jorbot lis-socjeta esponenti li jista b'xi mod jigi miftiehem fis-sens illi jipprojbixxi lis-socjeta esponenti u l-Union intimata milli jiftiehemu dwar hlas ta' danni pre-likwidati bhal dik li giet miftiehema fi klawzola 9 tal-ftehim kollettiv. Ghaldaqstant ukoll l-ewwel talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda;

1.5. Fil-mertu wkoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-ftehim kollettiv gie negozjat bejn is-socjeta esponenti u l-Union intimata (f'isem l-impjegati kollha koperti mill-ftehim kollettiv) bhala pakkett shih, bid-drittijiet u l-obbligi kollha kif maqbula, kif ta' sikwiet jigri, u kull wahda mill-partijiet ikollha r-rizervi taghha li jwassal ghal nuqqas ta' qbil, kemm-il darba xi wahda mill-obbligi u/jew drittijiet tal-partijiet tigi mittiefsa u ghalhekk tharbat il-bilanc tal-ftehim kollu kemm hu. Mhux possiblli li jigi dikjarat null parti mill-ftehim u jibqa japplika l-bqija tieghu (sakemm ma jkunux ftiehmu f’dan is-sens il-partijiet, li mhux il-kaz fil-kuntratt in kwistjoni), ghaliex dan ikun qed ibiddel dak miftiehem bejn il-partijiet u johloq precedent serju u inkwetanti fil-qasam industrijali. Barra minn hekk, ikun ta' pregudizzju sproporzjonat ghall-impjegati l-ohrajn kollha tas-socjeta esponenti jekk minorita ta' impjegati - biss ghaliex ma jaqbilx lilhom - jithallew iharbtu u jannullaw dak kollu li gie miftiehem b'mod liberu bejn il-partijiet. Ghaldaqstant, l-ewwel talba tar-rikorrenti ma tistax tintlaqa’ in kwantu, jew jigi kkonfermat bhala validu l-ftehim kollettiv kollhu, jew jigi dikjarat null kollu kemm hu. Ghall-istess rguni t-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda;

1.6. Fil-mertu wkoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana li ftehim kollettiv huwa kuntratt validu u enforzabbli li ghandu s-sahha ta' ligi bejn il-partijiet. Huwa daqstant iehor pacifiku li trade union rikonoxxuta firmatarja ta' ftehim kollettiv ma tkunx qed torbot biss lilha nnifisha, itda tkun qed tiffirma f'isem l-impjegati kollha tas-socjeta esponenti u torbot ukoll lilhom, irrispettivament minn jekk humiex membri ta' union, jew humiex membri ta' union ohra li mhix dik rikonoxxuta ghall-finijiet ta' negozjar kollettiv. F'dan l-isfond, il-klawzola 9 tal-ftehim kollettiv in kwistjoni tifforma parti ntegrali minn kuntratt bejn is-socjeta esponenti u r-rikorrenti, liema ftehim ghandu jigi rispettat skond il-massima tal-pacta sunt servanda. Ghaldaqstant ir-rikorrenti ma ghandhom ebda dritt jew

setgha li jbiddlu jew ihassru unilateralment dak li gie miftiehem b'mod validu u legittimu bejn il-partijiet. Ghaldaqstant ukoll, it-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda;

1.7. Fil-mertu wkoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, filwaqt li r-rikorrenti jallegaw li l-quantum tad-danni pre-likwidati jmur kontra l-ordni pubbliku, din hija semplici allegazzjoni bbazata fuq opinjoni, minghajr ebda spjegazzjoni dwar ghaliex id-danni pre-likwidati qed jitqiesu sproporzjonati u ghaliex, anka li kieku dan kien il-kaz, dan kieku jkun kontra l-ordni pubbliku. Il-beneficcju u l-obbligu fi klawzola 9 tal-ftehim kollettiv huma intrinsikament marbuta u joholqu l-bilanc ghaz-zieda straordinarja li giet maqbula li tinghata lill-impjegati tas-socjeta esponenti. Ghaldaqstant ukoll, it-tielet talba tar-rikorrenti ghandha tigi mithuda;

1.8. Salv difizi ulterjuri.

2. Il-fatti
2.1. Fit-2 ta' Awwissu 2017, gie ffirmat ftehim kollettiv bejn il-kumpannija u l-General Workers Union. Ir-rikorrenti kollha huma (jew kienu waqt l-impjieg taghhom mal-kumpannija ntimata) fi gradi fejn il-kundizzjonijiet tal-impjieg taghhom huma skond il-fethim kollettiv.

2.2. Ic-cirkostanzi li l-ftehim kollettiv gie ffirmat tahtom kienu eccezzjonali fis-sens illi kumpannija, dak iz-zmien, kienet qed tesperjenza ezodu ta' impjegati - gieli fejn anki jitilqu minghajr ma jahdmu l-perjodu ta' avviz (notice). [Ghall-kuntrarju ta' dak li hemm implikat f'paragrafu 8 tar-rikors promotur, il-mottiv ma kienx li d-danni pre-likwidati fi klawsola 9 tal-ftehim kollettiv tithaddem minflok l-enforzar tal-artikolu 36(10), izda sabiex jaghti intentiv (permezz ta' zidiet straordinarji) u fl-istess hin iservi bhala deterrent (permezz tad-danni pre-likwidati) ghall-impjegati milli jitilqu mill-impjieg taghhom mas-socjeta esponenti.] Sabiex tikkontrobatti dan it-telf ta' mpjegati bl-ghodda li ttiha l-ligi, u taghmel tentattiv li tirritjeni l-impjegati taghha, il-kumpannija ntimata nnegozjat intentiv finanzjarju mal-Union fejn l-impjegati, kull sena, fuq medda ta' tlett snin, ikunu intitolati ghal zieda (relattivament sostanzjali u ferm akbar minn dik moghtija fi snin precedenti) fil-paga. Dan il-fatt huwa wkoll esplicitament indikat fil-ftehim kollettiv innifsu.

2.3. L-ewwel zieda (ta' 4%) kienet tapplika fl-1 ta' April 2017 ghal perijodu ta' tnax-il xahar. Ghalhekk, il-partijiet qabblu fuq mekaniimu fejn, f'kaz ta' terminazzjoni tal-impjieg (inkluz minhabba ritenja) qabel gheluq it-terminu (hlief f'kazijiet ta' redundancy, irtirar u/jew minhabba ragunijiet medici), l-impjegat ikun suggett ihallas danni prelikwidati.

2.4. Dawn id-danni pre-likwidati ma jikkonsistux f'rifuzjoni ta' xi parti mill-paga ppercepita mill-impjegati, kif jittentaw jargumentaw ir-rikorrenti, izda l-hlas ta' ammont determinat b'referenza ghaz-zieda fil-paga li kien jiehu mpjegat, li hija ndikata biss bhala referenza u mhux b'xi intenzjoni li jkun hemm rifuzjoni ta' paga. Ghaldaqstant, l-impressjoni li jittentaw jaghtu r-rikorrenti li din hija xi forma ta' rifuzjoni tal-paga hija skorretta u inkorretta.

2.5. Is-socjeta esponenti qatt ma kienet taqbel li jinghataw dawk iz-zidiet, minghajr ma jigi wkoll ikkontemplat id-dizincentiv ta' rizenji, fil-forma ta' danni pre-likwidati. Fil-

ftehim kollettiv ma tistax tezisti wahda minghajr l-ohra u ghaldaqstant ir-rikorrenti ma jistghux jittentaw igawdu minn benefittju u jaharbu l-obbligu li huwa intrinsikament marbut mieghu u li gie maqbul b'mod validu u liberament bejn il-partijiet.

2.6. Id- danni pre-likwidati huma kkalkolati skond ix-xahar li l-impjieg jigi tterminat ai termini ta' klawzola 9 tal-ftehim kollettiv. Din il-kundizzjoni giet mifthiema bejn il-Union u s-socjeta esponenti u ntalbet ukoll l-approvazzjoni mid-Dipartiment ghar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-lmpjiegi minhabba l-possibilta li pre-likwidazzjoni tad-danni setghet tigi nterpretata bhala tnaqqis fil-paga u/jew penali imposta fuq l-impjegati (korrispondenza annessa u mmarkata Dok. 'DLR2').

2.7. Ghalkemm id-Dipartiment ghar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-lmpjiegi ma kellu ebda ritervi dwar il-kundizzjoniet tad-dispozizzjoni in kwistjoni, peress illi giet miftihema fi ftehim kollettiv - anzi, rritjena illi l-pre-likwidazzjoni tad-danni ma jammontax ghal tnaqqis jew penali illecitu - kien hemm dawk l-impjegati illi kienu rrizenjaw qabel il-ftehim kollettiv dahal fis-sehh izda baqghu mpjegati wara; kif ukoll dawk illi rrizenjaw wara li l-ftehim kollettiv dahal fis-sehh izda telqu qabel gheluq tnax-il xahar.

2.8. Ghal dawn l-impjegati, u propju ghaliex l-intenzjoni ghall-ftehim dwar iz-zidiet kienet sabiex l-impjegati jibqghu fl-impjieg tal-kumpannija ntimata, kien sar ftehim iehor bejn il-Union u l-kumpannija intimata (kopja tal-ftehim anness u mmarkat Dok. 'DLR3'), sabiex dawn l-impjegati ma jinghatawx iz-zidiet kontemplat fi klawzola 9 tal-ftehim kollettiv, u dan sabiex ma jkunux soggetti ghad-danni pre-likwidati determinati fl-istess dispozizzjoni ghalhiex, fl-ahjar ipotesi, kien ikollhom ihalsu lura dak li jircievu u, fl-aghar ipotesi, kien ikollhom ihallsu aktar miz-zieda li jircievu.

2.9. Dan il-ftehim sar b'mod konxju u sabiex, ghall-kuntrarju ta' dak li jallegaw ir-rikorrenti u tal-impressjoni li r-rikorrenti jittentaw jaghtu fil-paragrafu 10 tar-rikors promotur, ma jigux pregudikati dawk l-impjegati li kienu lahqu rriienjaw, jew li kellhom f'mohhom li jirrizenjaw qabel il-ftehim kollettiv dahal fis-sehh jew wara li l-ftehim kollettiv dahal fis-sehh izda li telqu qabel gheluq tnax-il xahar.

2.10. Huwa gust u ekwu li, ladarba mpjegat kien dida jaf li ser jitlaq minn mas-socjeta esponenti, dan ma jigix milqut bl-obbligu li jhallas id-danni pre-likwidati - izda min-naha l-ohra ma jistax jippretendi li jiehu z-zieda li kienet propju ntiza sabiex tincentiva l-impjegati jibqghu fl-impjieg taghhom mas-socjeta esponenti.

2.11. Filwaqt li r-rikorrenti jallegaw ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Kap. 452 in kwantu jirregola l-protezzjoni tal-pagi, din hija semplici allegazzjoni minghajr ebda spjegazzjoni dwar liema dispozizzjonijiet tal-ligi qed jigu miksura.

2.12. Fl-ahhar nett, is-socjeta esponenti ma tistax twiegeb dwar l-allegazzjonijiet paragrafu 9 tar-rikors promotur.

Konkluzjoni

3.1 Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet suesposti, il-kumpannija intimata titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrent fl-intier taghhom, bl-ispejjez.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza baqghet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hija sentenza wara kawza mibdija mill-atturi permezz ta' liema qed jitolbu illi jigi ddikjarat li parti mill-klawsola 9 ta' Ftehim Kollettiv iffirmat bejn De La Rue Currency and Security Print Limited u l-General Workers Union in rapprezentanza tal-impjegati tal-kumpanija msemmija hija nulla u bla effett, minghajr pregudizzju ghall-bqija tal-ftehim, u sabiex, fl-eventwalita illi din it-talba tigi michuda dik l-istess parti tal-klawsola 9 tigi ddikjarata inapplikabbli fil-konfront ta' dawk l-atturi li kienu gja taw ir-rizenja taghhom fid-data tal-iffirmar tal-ftehim kollettiv u wkoll inapplikabbli fil-konfront tal-haddiema milquta biha minhabba li d-danni pre-likwidati msemmija fl-istess klawsola huma eccessivi u inekwi.

**Nullita tar-rikors guramentat**

Iz-zewg konvenuti eccepew illi r-rikors guramentat tal-atturi huwa null ghaliex inghataw talbiet alternattivi.

Il-Qorti tqis illi din l-eccezzjoni hija nfondata. Mhemm xejn fil-ligi illi jipprekludi lill-atturi milli jressqu talbiet alternattivi. Ghalhekk in-nullita tar-rikors tista' tigi pronunzjata biss fejn in-nuqqas ilmentat minnu jikkawza pregudizzju lill-konvenut b'mod li ma jistax jissewwa hlief billi ir-rikors jitqies null. F'dan il-kaz il-konvenuti ma pruvaw l-ebda pregudizzju irrimedjabbli. Ghalkemm jilmentaw dwar nuqqas ta' kjarezza fit-talbiet attrici, huwa car li fehmu sew il-portata ta' dawn it-talbiet, ikkonsidrat illi resqu eccezzjonijiet ghat-talbiet attrici kollha, liema eccezzjonijiet gew spejgati dettaljatament fin-noti ta' sottomissjonijiet taghhom.

Dan mhuwiex kaz ta' talbiet konfliggenti, fejn kieku kien ikollhom ragun il-konvenuti illi tali konflitt jirrendi ir-rikors guramentat null. It-talbiet attrici jirrigwardaw parti mill-klawsola 9 tal-Ftehim Kollettiv li l-atturi qed jikkontendu li hija nulla ai termini tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, u li, fil-kaz li m'hijiex nulla skont il-ligi, hija xorta wahda inapplikabbli ghalihom ghar-ragunijiet moghtija minnhom. Ghalhekk huwa car

li ghalkemm alternattivi, dawn it-talbiet mhumiex konfliggenti u ghaldaqstant ir-rikors guramentat tal-atturi m'huwa kolpit bl-ebda difett li jattira s-sanzjoni tant severa ta' nullita.

Ghaldaqstant, dawn l-eccezzjonijiet qed jigu michuda.

**L-artikolu 74 tal-Kostituzzjoni u Regolamenti tal-General Workers Union**

Il-General Workers Union tikkontendi illi dawn il-proceduri huma irritwali u intempestivi ghaliex l-atturi kellhom isegwu l-procedura stabbilita fl-artikolu 74 tal-Kostituzzjoni u r-Regolamenti tal-General Workers Union. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, il-Union konvenuta targumenta illi skont il-Kostituzzjoni u r-Regolamenti taghha il-membri ghandhom l-ewwel jirrikorru ghal *alternative dispute resolution* u l-atturi kienu marbuta b'dan l-obbligu. Jaghmlu referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Lorna Mallia et vs Panor Company Limited et u jsostnu illi il-gurisprudenza hija cara li f'sitwazzjoni bhal dik tal-kaz odjern l-atturi kellhom necessarjament jaghmel uzu minn rimedji mhux gudizzjarji hekk kif stipulat fil-Kostituzzjoni u r-Regolamenti tal-Union u galadarba ma ghamlux dan dawn il-proceduri huma irritwali u intempestivi.

L-artikolu li ghalih taghmel referenza l-Union konvenuta jipprovdi hekk:

> "(a) Meta Segretarju ta' Taqsima jkollu f'idejh kaz ta' imsieheb jew imsiehba, huwa ghandu, safejn hu possibbli, jgharraf lill-imsieheb jew imsiehba b'dak li jkun qed isir fuq il-kaz. Is-Segretarju tat-Taqsima ghandu jaghti d-decizjoni tieghu fuq il-kaz mhux aktar tard minn xahar meta l-ilment ikun gie registrat mat-Taqsima.
>
> (b) Jekk l-imsieheb (jew l-imsiehba) li jkun ressaq il-kaz ikun jidhirlu li t-Taqsima ma taghtux konsiderazzjoni shiha, huwa ghandu d-dritt li jkompli jmexxi aktar il-quddiem il-kaz tieghu u dan jghaddi mill-Kumitat Ezekuttiv tat-Taqsima ghal ghand l-Amministrazzjoni Centrali li min-naha taghha taghmel hilitha kollha biex tressaq iz-zewg nahat ghal ftehim. Kemm il-darba xi wahda mill-partijiet tibqa' ma taqbilx ma' l-ezitu tal-kaz allura l-kaz jitressaq quddiem il-Bord tal-Appell minn dik il-parti li ma tkunx qed taqbel.
>
> (c) L-ebda kaz ma jista' jitressaq quddiem il-Bord ta' l-Appell aktar tard minn tliet xhur minn meta l-imsieheb ikun informat bid-decizjoni tal-Ezekuttiv."

Minn qari ta' dan l-artikolu huwa car illi din l-eccezzjoni mhix flokha. Ghalkemm huwa minnu illi dan l-artikolu jistabilixxi proceduri permezz ta' liema imsieheb tal-Union

konvenuta jista' jressaq l-ilment tieghu, dan l-artikolu ma jipprovdix illi din il-proceduri hija wahda mandatorja. L-artikolu bl-ebda mod ma jeskludi l-possibilita illi imsieheb jintavola proceduri gudizzjarji qabel ma jkun ghamel uzu mill-proceduri stabbiliti fl-istess artikolu. Barra minn hekk, ikkonsidrat illi f'dan il-kaz l-atturi qed jittentaw jimpunjaw il-validita jew l-applikabilita ta' parti minn Ftehim Kollettiv iffirmat ma' De La Rue Currency and Security Print Limited, huwa car illi l-proceduri ta' ”*alternative dispute resolution”* stabbiliti fil-Kostituzzjoni u r-Regolamenti tal-Union ma joffrux rimedju adegwat ghall-pretensjoni attrici, ghaliex kwalunwke decizjoni mehuda mill-Union konvenuta ma torbotx lill-imsemmija De La Rue Currency and Security Print Limited.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Intempestivita tal-azzjoni**

Is-socjeta konvenuta De La Rue Currency and Security Print Limited targumenta fir-rigward ta' din l-eccezzjoni illi l-klawsola 32 tal-Ftehim Kollettiv tistabilixxi procedura li ghandha tigi adottata f'kaz fejn impjegat ikollu ilment dwar l-interpretazzjoni jew l-applikabilita tal-Ftehim Kollettiv. Targumenta illi hadd mill-atturi ma qajjem tilwima skont il-procedura stabbilita mill-Ftehim Kollettiv, u dan minkejja illi l-atturi kienu jafu bil-kontenut tal-Ftehim Kollettiv jew fi kwalunwke kaz kellhom kull opportunita li jiksbu informazzjoni dwaru. Ghalhekk skont il-kumpanija konvenuta, din l-azzjoni hija intempestiva ghaliex l-atturi kellhom rimedju li messu gie ezawrit qabel ma nfethu dawn il-proceduri.

Il-klawsola 32 tal-Ftehim Kollettiv li ghaliha taghmel referenza il-kumpanija konvenuta tipprovdi hekk:

> ”*The intention of the parties is to establish the means for the prompt and amicable settlement of all complaints arising out of the application and interpretation of terms of this Agreement. Should differences arise between the Company and its employees or the Union as to the interpretation, scope or application of, or the compliance with the provisions of this Agreement, or any other matter, an earnest effort shall be made to settle such matter in the manner set our hereunder.*”

Il-Qorti tqis illi din l-eccezzjoni hija nfondata. Mill-provi jirrizulta illi l-atturi ma ntavolawx din il-kawza minghajr ma kienu diga gharrfu lill-kumpanija konvenuta bl-

ilment taghhom. Filfatt jirrizulta mill-affidavit ta' diversi mill-atturi illi kien hemm skambju bejn l-avukat taghhom u l-kumpanija konvenuta dwar din il-kwistjoni. Hekk per ezempju, Daniel Borg jixhed illi "[i]l-kumpanija donnha ikkoncediet u accettat illi thallasni iz-zieda wara hafna argumenti u anke ittra bl-avukat imma mbaghad bdiet tghid, mela jiena inhallaslek iz-zieda u inti thallas il-penali skont il-ftehim kollettiv, dan ma kienx accettabli u jiena ma stajt qatt naccetta illi nhallas xi forma ta' penali..." (*fol.* 84). B'mod simili, Sharon Conte xehdet illi "...ghamilna diversi tentattivi anke ghal kumpanija, kemm personalment kif ukoll permezz tal-avukat (dejjem qabel bdiet il-kawza) sabiex insibu soluzzjoni u nevitaw il-qrati; Izda il-bibien kienu dejjem maghluqin u l-kumpanija xejn ma riedet taccetta" (*fol.* 87). Din ix-xhieda ma giet bl-ebda mod kontestata mis-socjeta konvenuta.

Huwa minnu illi l-procedura specifika stabbilita fil-Ftehim Kollettiv ma gietx segwita. Pero huwa car illi l-atturi ghamlu tentattiv sabiex l-ilment taghhom jigi solvut amikevolment. Filfatt jidher illi kienu anke sehhew negozjati bejn l-atturi u l-kumpanija konvenuta fejn il-kumpanija kienet offriet soluzzjoni lill-atturi li l-atturi hassew li ma kinitx accettabli ghalihom. Huwa relevanti hawnhekk illi bosta mill-atturi ma thallewx jippartecipaw fin-negozjati li waslu ghall-Ftehim Kollettiv u ma jirrizultax illi kienu inghataw kopja tal-istess Ftehim. Ghalhekk, a kuntrarju ta' dak argumentat mill-kumpanija konvenuta, ma jistax jigi prezunt illi dawk l-atturi kienu jafu li kellhom isegwu procedura specifika indikata f'dan il-ftehim sabiex l-ilment taghhom jigi indirizzat. Jirrizulta illi meta l-atturi resqu l-ilment taghhom a konjizzjoni tal-kumpanija konvenuta, il-konvenuta fl-ebda hin ma indikat lilhom li ghandhom isegwu proceduri differenti jew skattat dawn il-proceduri hija stess. Minflok, il-kumpanija konvenuta ghazlet illi tinnegozja mal-atturi sabiex tinstab soluzzjoni amikevoli, liema soluzzjoni pero ma nstabitx. Ghalhekk kienet il-kumpanija konvenuta stess illi b'mod tacitu izda univoku accettat li l-procedura imsemmija fl-artikolu 32 tal-Ftehim Kollettiv isir b'mod differenti fir-rigward tal-ilment tal-atturi. Huwa wkoll evidenti illi l-atturi u l-kumpanija konvenuta ma lahqux ftehim dwar l-ilment tal-atturi, u ghalhekk zgur li ma jistax jigi accettat li dawn il-proceduri huma intempestivi.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-mertu**

Minn ezami tal-atti ma jidhirx illi hemm xi divergenzi bejn il-partijiet fir-rigward tal-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri. Il-kontenzjoni bejn il-partijiet hija purament fuq punti ta' ligi. Ghaldaqstant, il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri jistghu jigu spjegati in succint b'dan il mod:

Fis-sena 2017 l-atturi kienu kollha impjegati tas-socjeta konvenuta De La Rue Currency and Security Limited. Jirrizulta illi s-socjeta konvenuta kienet habret illi kienet ser tittermina l-impjieg ta' tliet mitt impjegat u kien hemm possibilita illi s-socjeta konvenuta kienet ser tittermina n-negozju taghha f'Malta.[1] Jirrizulta wkoll illi l-General Workers Union kienet bdiet negozjati mas-socjeta konvenuta sabiex tinnegozja pakkett ta' irtirar li kienu bbenefikaw minnu numru ta' impjegati u eventwalment is-socjeta konvenuta iddecidiet li ma xxoljix l-operat taghha f'Malta.[2] Jirrizulta illi, rinfaccati b'tali cirkostanzi, numru ta' impjegati sabu impjieg iehor ma' kompetitur tas-socjeta konvenuta, u f'daqqa wahda is-socjeta konvenuta sabet ruhha f'sitwazzjoni fejn kienet tilfet cirka 38% mill-impjegati taghha, u numru minnhom sahansitra lanqas kienu hadmu in-*notice period* taghhom.

Jirrizulta wkoll illi l-Ftehim Kolletiv li kien jirregola l-kondizzjonijiet ta' impjieg tal-impjegati tal-kumpanija, inkluz is-salarju taghhom, kien skada fl-2016. Il-General Workers Union kienet qed tinnegozja Ftehim Kollettiv gdid fl-2017, liema Ftehim Kollettiv kellu wkoll jaghmel tajjeb ghal dik is-sena li ma kinitx koperta bi Ftehim Kollettiv vigenti, u cioe l-2016.[3] Jirrizulta illi minhabba s-sitwazzjoni li kienet tinsab fiha l-kumpanija, kien intlahaq kompromess bejn il-kumpanija konvenuta u il-General Workers Union ghan-nom tal-impjegati, bil-ghan illi l-impjegati jigu mhegga li jzommu l-impjieg taghhom mas-socjeta konvenuta sabiex b'hekk tkun tista' tibqa' topera.[4] Dan il-kompromess kien jikkonsisti f'zieda sostanzjali fil-paga tal-impjegati ghas-snin 2017-2019, bil-kondizzjoni illi jekk xi impjegat jitlaq mill-impjieg ikollu jaghti lura iz-zieda li jkun ircieva ghal dik is-sena skont il-modalita stabbilita fil-Ftehim Kollettiv.[5] Ghal finijiet ta' kjarezza, il-klawsola 9(i) qed tigi riportata hawn taht:

---

[1] Ara x-xhieda ta' David Darmanin, a *fol.* 414.
[2] Ara x-xhieda ta' Josef Bugeja, a *fol.* 472.
[3] Kopja tal-minuti tal-laqghat fejn saru dawn in-negozjati tinsab ezebita fl-atti a *fol.* 371 – 374 u a *fol.* 386 – 397.
[4] Ara x-xhieda ta' David Darmanin a *fol.* 415 u x-xhieda ta' Michael Farrugia a *fol.* 459..
[5] Ara x-xhieda ta' Mariella Maricovic a *fol.* 365-366.

> *”The basic weekly rates of pay per standard working week are as shown in Appendices III which forms part of and is attached to this Agreement, and each employee shall receive the rate of pay corresponding to his/her category as designated by the Company. Apart from the Cost of Living Adjustment (COLA) accounced by the government, the following increments apply.*
> *a. 1st April 2017 – 4% of wages as at 31st March 2017*
> *b. 1st April 2018 – 4% of wages as at 31st March 2017*
> *c. 1st April 2019 – 3% of wages as at 31st March 2017*
>
> *The annual increments being agreed to in this Agreement are being agreed to in view of the exceptional circumstances at the time of the negotiation of this Agreement and such increments are not a precdent for any future annual increments.*
>
> *Furthermore the annual increment is being paid subject to the following condition: If an employee’s employment is terminated for whatever reason (except redundancy, retirement and medical grounds) before 12 months from the date of each annual increment, such employee is bound to pay back the increment of the year in which his employment is terminated as pre-liquidated damages as follows:*
>
> *If employee hands in their resignation between the*
> *1st and 4th month – 4 months*
> *5th and 8th month – 8 months*
> *9th and 12th month – 12 months”*

Hija proprju din l-ahhar parti ta’ din il-klawsola, u cioe dik il-parti li tirrigwarda l-hlas lura taz-zieda fil-paga miftiehma bhala danni pre-likwidati, li qed tigi impunjata permezz tal-proceduri prezenti. Skont l-atturi, din il-parti tal-klawsola numru 9(i) hija kontra l-ligi u kontra l-ordni pubblika ghaliex tirraprezenta tnaqqis illecitu mill-paga taghhom.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti, dan l-argument ma fihx mis-sewwa. L-ewwel nett, skont il-gurisprudenza, danni pre-likwidati m’ghandhomx jigu ekwiparati ma’ multi u ghalhekk l-artikolu 19 tal-Kapitolu 452 ma jkunx japplika fejn isir tnaqqis minhabba danni pre-likwidati u mhux multi jew penali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Mark Bugeja et vs Geoffrey Camilleri** (App 28/06/2013) gie spjegat hekk:

> “Issa l-imsemmi artikolu 19 jitkellem dwar meta l-kuntratt tal-impieg bilmiktub jispeċifika “bir-reqqa l-multa jew multi” li impjegat jista jinkorri ghal xi ghemil jew ommissjoni. L-istess artikolu jistipula li tali klawsola trid tigi approvata mid-Direttur tax-Xoghol sabiex l-istess klawsola tkun effettiva bejn il-firmatarji.”

> Ghal din il-Qorti l-klawsola in kwestjoni ma tipprovdix “bir-reqqa” ghal “multa jew multi.” Il-frasi “bir-reqqa” timplika li l-klawsola in kwestjoni ghandha tiddisponi dwar varji tipi ta’ ghemil jew ommissjonijiet u tipprovdi ghal kull tip ta’ ghemil jew ommissjoni, l-ammont tal-multa li ghandha tigi imposta. Dan mhux il-kaz tal-klawsola in kwestjoni li tipprovdi ghal hlas ta’ ammont miftiehem minn qabel mill-partijiet f’kaz li r-ritrattat (l-impjegat) jimpjega ruhu ma klijent tar-ritrattandi wara li jkun gie terminat l-impjeg, fi zmien stipulat minn tali terminazjoni. Ghalhekk ma jidhirx li l-klawsola in kwestjoni tinkwadra ruhha fil-provedimenti tal-imsemmi artikolu 19. Inoltre hi l-opinjoni ta’ din il-Qorti li danni likwidati u miftiehma minn qabel m’ghandhomx jigu ekwiparati ma “multi” li huma imsemmija fl-artikolu talligi in kwestjoni. Fil-kaz in ezami l-klawsola in kwestjoni tirreferi biss ghal “ghemil” wiehed cioe’ jekk wara t-terminazzjoni tal-impjeg fi zmien determinat, r-ritrattat jimpjega ruhu ma klijenti tar-ritrattandi u tipprevedi lhlas ta’ammont gia miftiehem bhala danni likwidati. Tali klawsola ma tistax titqies li b’xi mod tillimita lir-ritrattat fil-professjoni jew negozju tieghu. Din il-kondizzjoni, li giet accettata mill-impjegat (ritrattat), m’ghandhiex tigi kategorizzata bhala “inqas” jew “aktar” favorevoli ghal impjegat. Barra minn hekk is-sanzjoni preveduta bil-klawsola in kwestjoni lanqas ma ghandha titqies li hi “multa” ai termini tal-artikolu 19 tal-Kap.452. Jirrizulta ghalhekk li l-istess artikolu 19 ma kellux jigu applikat ghal kaz in ezami u kwindi, fissentenza lamentata, l-ligi giet applikata hazin. Inoltre japplika hawnhekk ilprincipju bazilari tal-“pacta sunt servanda” u cioe’ dak li jigi pattwit jorbot lill-partijiet.”
> [ara wkoll: **Mark Bugeja et pro et noe vs Mellyora Grech** [App 27/05/2015)]

Mill-provi jirrizulta car illi l-klawsola impunjata qatt ma kienet intiza mill-partijiet ghall-ftehim bhala multa. Kif inghad, mill-provi prodotti quddiem din il-Qorti jirrizulta illi l-klawsola 9(i) kienet il-frott ta’ kompromess bejn is-socjeta konvenuta u l-Union konvenuta in rapprezentanza tal-impjegati tal-istess socjeta, sabiex dawn l-impjegati jinghataw incentiv biex jibqghu fl-impjieg taghhom mas-socjeta konvenuta filwaqt illi s-socjeta konvenuta ikollha garanzija kontra d-danni li setghat talvolta issofri bit-tluq tal-istess impjegati minkejja l-investiment li kienet qed taghmel biz-zieda sostanzjali fil-paga li kienet qed tigi offruta lilhom.

Fi kwalunwke kaz, anke li kieku kellu jigi accetat illi l-artikolu 19 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta’ Malta huwa applikabbli ghall-kaz odjern, l-ewwel talba attrici tibqa’ infondata. Dan l-artikolu ma jipprojbix f’kull kaz l-impozizzjoni ta’ penali jew tnaqqis mill-paga ta’ impjegat. Filfatt, dan l-artikolu jistabilixxi illi tali tnaqqis jista’ jsir fejn u skont kif ikun gie miftiehem fi Ftehim Kollettiv, jew fejn ikun gie stabbilit f’kuntratt u approvat mid-Direttur tal-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali. F’dan il-kaz, it-tnaqqis li

dwaru jilmentaw l-atturi gie miftiehem fi Ftehim Kollettiv u ghalhekk jitqies lecitu u permissibli mill-artikolu 19 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta.[6]

Barra minn hekk, l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta jippermetti li ssir tnaqqis fil-paga mill-principal meta dan it-tnaqqis ikun sar bi ftehim bejn il-principal u *trade union* li tirraprezenta lill-impjegati. Ghalhekk, galadarba dan it-tnaqqis huwa rizultat ta' Ftehim Kollettiv li sar bejn is-socjeta konvenuta u l-Union konvenuta in rapprezentanza tal-impjegati tas-socjeta konvenuta, lanqas jista' jinghad illi l-parti impunjata tal-klawsola numru 9(i) hija kontra l-ligi.

Il-Qorti wkoll ma taqbilx mal-argument maghmul mill-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom illi l-parti impunjata tal-klawsola 9(i) tintroduci sanzjoni addizzjonali ghar-rizenja tal-impjegat oltre dawk permessi mill-artikolu 36(10) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta li l-ligi ma tridx. L-artikolu 36(10) jimponi sanzjoni fuq dak l-impjegat jew dak il-principal li ma jaghtix avviz qabel ir-rizenja skont kif dettat mill-ligi. Dan huwa ghal kollox irrelevanti fir-rigward tal-klawsola impunjata, illi ma ghandha x'taqsam xejn mal-oghti tal-avviz qabel ir-rizenja ta' impjegat.

Il-Qorti tqis illi l-parti impunjata tal-klawsola 9(i) tal-Ftehim Kollettiv hija riflessjoni tac-cirkostanzi straodinarji li l-kumpanija konvenuta kienet tinsab fihom u li kienu detrimentali mhux biss ghall-kumpanija konvenuta izda anke ghall-impjegati kollha taghha. Wara kollox, kieku l-kumpanija konvenuta waqfet l-operat taghha f'Malta, l-impjegati kollha kienu jisbu ruhhom habta u sabta minghajr impjieg. Huwa car ghalhekk illi l-konvenuti lahqu kompromess illi kien jissalvagwardja l-interessi kemm tas-socjeta konvenuta u kif ukoll tal-impjegati taghha f'tali cirkostanzi straordinarji, billi provdew ghal incentiv ghal impjegati biex ma jitilqux mill-impjieg filwaqt illi assoggettaw dak l-incentiv ghal kondizzjoni illi l-impjegat jzomm l-impjieg tieghu sabiex ikun jista' juzufruwixxi mill-incentiv illi nghata. F'dan ir-rigward il-Qorti tirrileva illi l-ligi ma tipprojibix l-imposizzjoni ta' kondizzjonijiet f'kuntratti u ghalhekk lanqas minn dan il-lat ma jista' jinghad illi l-parti impunjata tal-klawsola 9(i) hija kontra l-ligi.

---

[6] F'dan ir-rigward kienet xehdet Sandra Gatt, Direttur tal-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali, a *fol* 403 – 411, li kkonfermat li d-Dipartiment kien ikkonferma l-inapplikabilita tal-artikolu 19 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fid-dawl ta’ dan kollu, l-Qorti tqis illi l-ewwel talba attrici hija infondata, galadarba ma jirrizultax illi l-parti tal-klawsola 9(i) impunjata minnhom hija kontra l-ligi kif allegat mill-atturi.

L-atturi resqu zewg talbiet ohra li huma alternattivi ghal ewwel talba fil-kaz illi din ma tintlaqax. It-tieni talba attrici tirreferi ghal dawk l-atturi illi kienu gja taw ir-rizenja taghhom fid-data tal-iffirmar tal-Ftehim Kollettiv, u permezz taghha qed jitolbu illi din il-parti impunjata tal-klawsola 9(i) tigi dikjarata li m’hijiex applikabbli fil-konfront taghhom. Permezz tat-tielet talba taghhom l-atturi qed jitolbu illi l-ahhar zewg paragrafi tal-klawsola 9(i) jigu dikjarati inapplikabbli ghaliex id-danni pre-likwidati imsemmija huma eccessivi u inekwi.

Il-Qorti tqis illi it-tieni talba hija inaccettabli. L-atturi ma jistghux jippretendu illi l-Ftehim Kollettiv shih jibqa’ applikabbli ghalihom, filwaqt illi parti minn klawsola wahda tigi ddikjarata inapplikabbli ghal dawk il-haddiema li kienu diga taw ir-rizenja taghhom meta gie ffirmat il-Ftehim Kollettiv. Essenzjalment dak illi l-atturi qed jitolbu huwa illi dawk il-haddiema li kienu lahqu taw ir-rizenja taghhom meta gie ffirmat il-Ftehim Kollettiv jithallew igawdu mill-beneficcji mahsuba fil-Ftehim Kollettiv li jistghu igawdu minnhom filwaqt illi jigu ezonerati mill-kondizzjoni dwar danni pre-likwidati mahsuba fl-istess klawsola minhabba li kienu gja taw ir-rizenja taghhom meta gie ffirmat il-Ftehim Kollettiv. Spejgat b’mod aktar prattiku, l-atturi qed jippretendu li ghaliex irrizenjaw, il-klawsola dwar danni pre-likwidati ma tkunx tapplika ghalihom, izda l-klawsola dwar iz-zieda ghas-sena 2016 u dwar iz-zieda ghas-sena 2017 huma applikabbli u jistghu jibbenefikaw minnhom minkejja r-rizenja taghhom. Dan fil-fehma tal-Qorti ma ghandiex tkun. Din it-talba setghat tkun logika li kieku forsi l-atturi talbu illi l-ftehim kollettiv kollu jigi ddikjarat li mhux applikabbli fil-konfront ta’ dawk l-atturi li kienu diga taw ir-rizenja taghhom meta gie ffirmat il-Ftehim Kollettiv, izda huwa zgur illogiku illi r-rizenja taghhom taffetwa biss parti minn klawsola wahda tal-Ftehim Kollettiv kollu, u cioe dik il-klawsola li ma taqbilx lilhom.

Barra minn hekk, il-Qorti tqis illi tkun qed tmur kontra l-intenzjoni tal-partijiet ghal Ftehim Kollettiv kieku kellha tilqa’ din it-talba attrici. Kif diga inghad, iz-zieda fil-paga kienet inghatat proprju bhala incentiv sabiex l-impjegati izommu l-impjieg taghhom

mas-socjeta konvenuta, u l-kondizzjoni dwar danni pre-likwidati li qed tigi impunjata giet inkluza sabiex is-socjeta konvenuta jkollha garanzija kontra d-danni li setghat talvolta issofri jekk impjegat jitlaq mill-impjieg tieghu minkejja l-investiment li hija kienet qed taghmel fir-rizorsi umani taghha. Ghalhekk huwa evidenti illi jkun imur kontra l-intenzjoni tal-kontraenti illi din il-Qorti tippermetti li numru ta' impjegati jithallew jippercepixxu z-zieda li kienet intiza bhala incentiv sabiex jibqghu fl-impjieg mas-socjeta konvenuta, meta l-istess impjegati ma kellhom l-ebda intenzjoni li jzommu l-impjieg taghhom mas-socjeta konvenuta. Ghalhekk is-socjeta konvenuta ma tistax tigi imgieghla illi thallas ammonti li hija qatt ma kienet lesta li thallas lill-impjegati li ma kellhomx intenzjoni li jibqghu jahdmu maghha, meta l-Union konvenuta qablet mal-imposizzjoni ta' din il-kondizzjoni a nom tal-impjegati kollha.

Il-Qorti tqis ukoll illi t-tielet talba hija infondata peress illi ma jirrizultax illi d-danni pre-likwidati in kwistjoni huma eccessivi jew inekwi kif argumentat mill-atturi. L-ewwel nett, il-kuntratt huwa l-ligi bejn il-partijiet u ma ghandux jigi facilment iddikjarat illi xi klawsola jew parti minnha hija inapplikabli. Dan specjalment f'kaz bhal dak tal-llum fejn ftit li xejn jista' jinghad li xi wahda mill-partijiet kienet f'posizzjoni ta' inekwita jew zvantagg, ikkonsidrat illi l-Ftehim Kollettiv gie nnegozjat minn trade union in rapprezentanza tal-impjegati kollha. Id-danni pre-likwidati mahsuba fil-klawsola imsemmija m'huma xejn ghajr il-hlas lura ta' zieda illi kienet intiza li tkun pagabbli biss bhala incentiv sabiex il-haddiema ma jitilqux mill-impjieg taghhom u ma jirrizultax illi huma eccessivi. A kuntrarju ta' dak argumentat mill-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, id-danni pre-likwidati mahsuba fil-klawsola numru 9(i) mhumiex ta' portata illi jmorru kontra n-normi stabbiliti tas-socjeta u l-logika guridika, izda huma biss riflessjoni tas-sitwazzjoni eccezzjonali li kienet tinsab fiha s-socjeta konvenuta u l-impjegati kollha taghha u l-kompromess li instab bejniethom fl-interess taghhom kollha.

Huwa minnu illi numru mill-atturi ma kinux partecipi fin-negozjati u fil-vot li waslu ghall-Ftehim Kollettiv ghaliex kienu taw ir-rizenja taghhom u ma gewx mistiedna ghan-negozjati u l-vot. Pero, u minkejja li l-Qorti tqis illi l-agir tal-Union fil-konfront tal-atturi imsiehba taghha kien ferm ingust, mill-provi jirrizulta illi dan il-Ftehim Kolletiv kien jghaddi anke kieku l-atturi kollha thallew jivvutaw. Dan ikkonsidrat illi l-impjegati

li ddecidew li jitilqu mill-impjieg taghhom mas-socjeta konvenuta kienu jifformaw 38% mill-impjegati tas-socjeta konvenuti, u ghalhekk minn dan isegwi illi anke kieku kellu jitqies illi dawk it-38% ivvutaw kontra l-ftehim, il-ftehim xorta wahda kien jirnexxilu jottjeni l-maggoranza necessarja. Ghalhekk lanqas ma jista’ jinghad illi l-atturi gew zvantaggjati minhabba n-nuqqas ta’ partecipazzjoni taghhom fin-negozjati jew fil-vot tal-Ftehim Kollettiv in kwistjoni.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet preliminari kollha tal-konvenuti, tichad it-talbiet kollha attrici.

L-ispejjez jithallsu in kwantu ghal 25% mill-konvenuti u in kwantu ghal 75% mill-atturi.

Mark Chetcuti

Prim Imhallef

Anne Xuereb

Deputat Registratur